

31996L0064

L 258/26

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

11.10.1996

**ID-DIRETTIVA TAL-KUMMISSJONI 96/64/KE****tat-2 ta' Ottubru 1996****li tadatta għall-progress tekniku tad-Direttiva tal-Kunsill 77/389/KEE dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membri dwar il-mezzi ta' rmunkar ta' vetturi bil-mutur****(test b'relevanza għall-Ftehim EE)**

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 77/389/KEE tas-17 ta' Mejju 1977 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membri dwar il-mezzi ta' rmunkar ta' vetturi bil-mutur <sup>(1)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 4 tagħha,Billi d-Direttiva 77/389/KEE hija waħda mid-Direttivi separati tal-proċedura ta' l-approvazzjoni tat-tip tal-KEE li ġiet stabbilita mid-Direttiva 70/156/KEE <sup>(2)</sup>, kif emendata l-aħħar mid-Direttiva 96/27/KE <sup>(3)</sup>; billi, konsegwentement, id-dispożizzjonijiet stipulati fid-Direttiva 70/156/KEE fir-rigward ta' sistemi komponenti u entitajiet tekniċi separati ta' vetturi, japplikaw għal din id-Direttiva;

Billi, b'mod partikolari, l-Artikoli 3(4) u 4 (3) tad-Direttiva 70/156/KEE jeħtieġu li kull Direttiva separata jkollha anness magħha dokument ta' informazzjoni li jinkorpora l-punti rilevanti ta' l-Anness I ta' dik id-Direttiva kif ukoll ċertifikat ta' approvazzjoni tat-tip ibbażat fuq l-Anness VI tagħha sabiex l-approvazzjoni tat-tip tkun tista' tiġi komputerrizzata;

Billi dawn l-emendi għandhom x'jaqsmu biss mad-dispożizzjonijiet amministrattivi li jinsabu fid-Direttiva; billi m'huwiex neċessarju għandhekk li jiġu invalidati approvazzjonijiet eżistenti tad-Direttiva u lanqas m'hu neċessarju li ma jitħallewx ir-reġistrazzjoni, il-bejgħ u d-dħul fis-servizz ta' vetturi ġodda koperti b'dawn l-approvazzjonijiet;

Billi l-miżuri previsti f'din id-Direttiva huma skond l-opinjoni tal-Kumitat dwar l-Addattament għall-Progress Tekniku stabbilit mid-Direttiva Nru 70/156/KEE,

ADOTTAT DIN ID-DIRETTIVA:

*L-Artikolu 1*

1. L-Artikoli tad-Direttiva 77/389/KEE huma emendati kif ġej:

<sup>(1)</sup> ĠU L 145, tat-13.6.1977, p. 41.<sup>(2)</sup> ĠU L 42, tat-23.2.1970, p. 1.<sup>(3)</sup> ĠU L 169, tat-8.7.1996, p. 1.

— L-Artikolu 1 jaqra kif ġej: '... bl-eċċezzjoni ta' vetturi li jimxu fuq linji u ta' tratturi għall-agrikoltura u għall-forestrija u kull makkinarju mobbli,'

— fl-Artikolu 2 'L-Anness' huwa sostitwit b' 'L-Anness II',

— fl-Artikolu 3 'L-Anness' huwa sostitwit b' 'L-Anness II',

— fl-Artikolu 4 'dan l-Anness' huwa sostitwit b' 'l-Annessi',

2. L-Anness għad-Direttiva 77/389/KEE huwa emendat skond l-Anness ta' din id-Direttiva.

*L-Artikolu 2*

B'seħħ mill-1 ta' Ottubru 1997, l-Istati Membri:

— m'għandhomx aktar jagħtu approvazzjoni tat-tip tal-KEE skond l-Artikolu 4(1) tad-Direttiva 70/156/KEE, u

— jistgħu jirrifjutaw approvazzjoni tat-tip nazzjonali

għal tip ġdid ta' vettura għal raġunijiet relatati mal-mezzi ta' rmunkar, jekk din ma tikkonformax mad-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 77/389/KEE, kif emendata b'din id-Direttiva.

Din id-Direttiva ma tinvalidax l-approvazzjonijiet mgħotija qabel taħt id-Direttiva 77/389/KEE u lanqas ma tipprevjeni l-estensjoni ta' dawn l-approvazzjonijiet skond il-kondizzjonijiet tad-Direttiva li taħtha kienu nġataw oriġinarjament.

*L-Artikolu 3*

1. L-Istati Membri għandhom idaħħlu fis-seħħ il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa biex jikkonformaw ma' din id-Direttiva sa l-1 ta' Ottubru 1997. Huma għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni b'dan minnufih.

Meta l-Istati Membri jadottaw id-dispożizzjonijiet, dawn għandhom ikollhom referenza għal din id-Direttiva jew għandhom ikunu akkumpanjati b'din ir-referenza fl-okkażjoni tal-pubblikazzjoni uffiċjali tagħhom. Il-proċedura għal din ir-referenza għandha tiġi adottata mill-Istati Membri.

2. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni it-test tal-proċedura ewlenija tal-liġi nazzjonali li huma jaddottaw fil-qasam regolat minn din id-Direttiva.

*L-Artikolu 4*

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fl-20 jum wara li l-pubblikazzjoni tagħha fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

*L-Artikolu 5*

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussel, fit-2 ta' Ottubru 1996.

*Għall-Kummissjoni*

Martin BANGEMANN

*Membre tal-Kummissjoni*

## L-ANNESS

**EMENDI GĦALL-ANNESS TAD-DIRETTIVA 77/389/KEE**

1. Lista ta' Annessi hija mdaħħla bejn l-Artikoli u l-Anness biex taqra kif ġej:

## "LISTA TA' L-ANNESSI

- L-Anness I: Dispożizzjonijiet amministrattivi għall-approvazzjoni tat-tip  
Appendiċi 1: Dokument ta' informazzjoni  
Appendiċi 2: Ċertifikat ta' approvazzjoni tat-tip
- L-Anness II: Mezzi ta' rmunkar"

2. L-Anness I ġdid huwa mdaħħal biex jaqra:

## "L-ANNESS I

**DISPOŻIZZJONIJIET AMMINISTRATTIVI GĦALL-APPROVAZZJONI TAT-TIP**

1. APPLIKAZZJONI GĦALL-APPROVAZZJONI TA' TIP TAL-KE TA' VETTURA
  - 1.1. L- applikazzjoni għal approvazzjoni tat-tip tal-KE skond l-Artikolu 3(4) tad-Direttiva 70/156/KEE ta' tip ta' vettura dwar il-mezzi ta' rmunkar tagħha għandha tiġi sottomessa mill-manifattur.
  - 1.2. Mudell tad-dokument ta' informazzjoni huwa mgħoti fl-Appendiċi 1.
  - 1.3. Dan li ġej għandu jiġi sottomess lis-servizz tekniku responsabbli mit-twertieq ta' testijiet ta' l-approvazzjoni tat-tip:
    - 1.3.1. vettura rappreżentattiva tat-tip li għandu jiġi approvat.
2. GĦOTI TA' APPROVAZZJONI TAT-TIP TAL-KE TA' TIP TA' VETTURA
  - 2.1. Jekk il-ħtiġiet relevanti jiġu sodisfatti, għandha tingħata approvazzjoni tat-tip tal-KE skond l-Artikolu 4(3) u, jekk applikabbli, 4 (4) tad- Direttiva 70/156/KEE.
  - 2.2. Mudell taċ-ċertifikat ta' approvazzjoni tat-tip tal-KE huwa mgħoti fl-Appendiċi 2
  - 2.3. Għandu jiġi assenjat numru ta' approvazzjoni f'konformità ma' l-Anness VII tad-Direttiva 70/156/KEE għal kull tip ta' vettura approvata. L-istess Stat Membru m'għandux jassenja l-istess numru lil tip ieħor ta' vettura.
3. MODIFIKI TAT-TIP U EMENDI GĦALL-APPROVAZZJONIJIET
  - 3.1. Fil-każ ta' modifiki tat-tip approvat skond din id- Direttiva, għandhom japplikaw id-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 5 tad-Direttiva 70/156/KEE.
4. KONFORMITÀ TAL-PRODUZZJONI
  - 4.1. Għandhom jittieħdu miżuri biex tiġi aċċertata l-konformità ta-produzzjoni b'konformità mad-dispożizzjonijiet stipulati fl-Artikolu 10 tad-Direttiva 70/156/KEE."

## 3. Iż-żewġ Appendiċi 1 u 2 ġodda li ġejjin huma mdaħħla:

“Appendiċi 1:

**DOKUMENT TA' INFORMAZZJONI Nru...**

**SKOND L-ANNESS I TAD- DIRETTIVA TAL- KUNSILL 70/156/KEE (\*) LI TIKKONĊERNA L-APPROVAZZJONI TAT-TIP TAL-KEE TA' VETTURA F'DAK LI GĦANDHOM X'JAQSMU IL-MEZZI TA' RMUNKAR**

**(Id-Direttiva 77/389/KEE, kif emendata l-aħħar mid-Direttiva.../...)**

L-informazzjoni li ġejja, jekk tkun applikabbli, għandha tingħata fi tliet kopji u għandha tinkludi werrej. Kwalunkwe disinnji għandhom jingħataw fi skala adatta u f'dettall suffiċjenti fuq karti ta' daqs A4 jew fuq *folder* ta' format A4. Ir-ritratti, jekk ikun hemm, għandhom juru dettall suffiċjenti.

Jekk is-sistemi, komponenti jew unitajiet tekniċi separati ikollhom kontrolli elettroniċi, għandha tingħata informazzjoni dwar il-prestazzjoni tagħhom.

0. ĠENERALI
  - 0.1. Għamla (isem kummerċjali tal-manifattur): .....
  - 0.2. Tip u deskrizzjoni(jiet) ġenerali kummerċjali: .....
  - 0.3. Il-mezz ta' identifikazzjoni tat-tip, jekk immarkat fuq il-vettura (b): .....
  - 0.3.1. Lok ta' dak l-immarkar: .....
  - 0.4. Kategorija tal-vettura (ċ): .....
  - 0.5. Isem u indirizz tal-manifattur: .....
  - 0.8. Indirizz(i) ta' l-impjant(i) ta' fejn isir l-assemblaġġ: .....
1. KARATTERISTIĊI ĠENERALI TA' KOSTRUZZJONI TAL- VETTURA
  - 1.1. Ritratti u/jew disinnji ta' vettura rappreżentattiva: .....
  2. MASES U QISIEN (e) (f kg u mm)
 

(Irreferi għad-disinn jekk hu l-każ)
  - 2.8. Massa massima mgħobbija permissibbli teknikament iddikkkjarat mill-manifattur (y) (massimu u minimu): ...
  - 2.11.5. Il-vettura hija/m'hijiex (1) addatta għall-irmunkar ta' tagħbijiet (il-punt 1.2 ta' l-Anness II tad-Direttiva 77/389/KEE)
12. ĦWEJJEĠ OĦRA
  - 12.3. Mezz(i) ta' rmunkar
    - 12.3.1. Quddiem: ganċ/ħolqa/oħrajn (1)
    - 12.3.2. Wara: ganċ/ħolqa/oħrajn/xejn (1)
    - 12.3.3. Disinn jew ritratt *tax-chassis*/parti tal-karozzerija tal-vettura li turi l-pożizzjoni, kostruzzjoni u immontar tal-mezz(i) ta' irmunkar: .....

Data, File

(\*) Jekk il-mezz ta' l-identifikazzjoni tat-tip ikun fih karattri li mhumiex rilevanti għad-deskrizzjoni tat-tipi ta' vettura, ta' komponent jew ta' unità teknika separata koperti b'dan iċ-ċertifikat ta' l-approvazzjoni tat-tip, karattri bħal dawn għandhom ikunu rappreżentati fid-dokumentazzjoni bis-simbolu: (e.g. ABC??123??). Kif definit fl-Anness II A tad-Direttiva 7/156/KEE.

(1) Ħassar fejn ma japplikax.

## Appendiċi 2:

## MUDELL

(Format massimu: A4 (210 × 297 mm))

## ĊERTIFIKAT TA' L-APPROVAZZJONI TAT-TIP TAL-KE

Timbru ta' l-amministrazzjoni

Komunikazzjoni li tikkonċerna:

- l-approvazzjoni tat-tip <sup>(1)</sup>
- l-estensjoni ta' l-approvazzjoni tat-tip <sup>(1)</sup>
- iċ-ċaħda ta' l-approvazzjoni tat-tip <sup>(1)</sup>
- l-irtirar ta' l-approvazzjoni tat-tip <sup>(1)</sup>

ta' tip ta' vettura/komponent/entità teknika separata (1) fir-rigward tad-Direttiva.../.../KEE, kif emendata l-aħħar mid-Direttiva.../.../KE

Numru ta' l-approvazzjoni tat-tip: .....

Raġuni għall-estensjoni: .....

## TAQSIMA I

- 0.1. Għamla (isem kummerċjali tal-manifattur): .....
- 0.2. Tip u deskrizzjoni(jiet) ġenerali kummerċjali: .....
- 0.3. Mezz ta' identifikazzjoni tat-tip, jekk immarkat fuq il-vettura/komponent/unità teknika separata<sup>(1)</sup> <sup>(?)</sup>: .....
- 0.3.1. Lok ta' dak l-immarkar: .....
- 0.4. Kategorija tal-vettura <sup>(1)</sup> <sup>(?)</sup>: .....
- 0.5. Isem u indirizz tal-manifattur: .....
- 0.7. Fil-każ ta' komponenti jew unitajiet tekniċi separati, il-lok u l-metodu tat-twaħħil tal-marka ta' l-approvazzjoni tal-KE: .....
- 0.8. Indirizz(i) ta' l-impjant(i) ta' fejn isir l-assemblaġġ: .....

## TAQSIMA II

1. Tagħrif addizzjonali (fejn applikabbli): ara l-Addendum
2. Servizz tekniku responsabbli mit-twettieq tat-testijiet: .....
3. Data tar-rapport tat-test: .....
4. Numru tar-rapport tat-test: .....
5. Rimarki (jekk hemm): ara l-Addendum
6. Post: .....
7. Data: .....
8. Firma: .....
9. L-indiċi għall-pakkett ta' l-informazzjoni ippreżentat lill-awtorità ta' l-approvazzjoni, li jista' jinkiseb fuq talba, huwa meħmuż.

<sup>(1)</sup> Ħassar fejn ma japplikax.

<sup>(?)</sup> Jekk il-mezz ta' l-identifikazzjoni tat-tip ikun fih karattri li mhumiex rilevanti għad-deskrizzjoni tat-tipi ta' vettura, ta' komponent jew ta' unità teknika separata koperti b'dan iċ-ċertifikat ta' l-approvazzjoni tat-tip, karattri bħal dawn għandhom ikunu rappreżentati fid-dokumentazzjoni bis-simbolu: (e.g. ABC??123??).

<sup>(?)</sup> Kif definit fl-Anness II A tad-Direttiva 7/156/KEE.

*Addendum għaċ-ċertifikat ta'-approvazzjoni tat-tip tal-KE Nru.....*

*dwar l-approvazzjoni tat-tip ta' vettura fir-rigward tad-Direttiva 77/389/KEE, kif emendata l-aħħar mid-Direttiva.../KE*

1. Tagħrif addizzjonali
    - 1.1. Lok: .....
    - 1.2. Metodu tat-twaħħil: .....
  5. Rimarki: .....
4. L-Anness preżenti jsir l-Anness II.  
Fit-Taqsima 1.2 "L-Anness I" tinbidel b' "L-Anness II A".
-